## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **531/2022 (AD)**

## ASSIST MEDICAL SERVICES LIMITED (C 47111)

**VS**

## CHRISTOPHER GALEA (KI 648856M)
## XIFER COMPANY LIMITED (C 23833) U
## JV PHARMA DEVELOPMENTS LIMITED (C 29818)

**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tas-soċjeta' Assist Medical Services Limited datat għoxrin (20) t'April 2022, risposta konġuntiva ta' Christopher Galea u Xifer Company Limited datata sebgħa u għoxrin (27) t'April 2022, u risposta ta' JV Pharma Developments Limited datata disgħa u għoxrin (29) t'April 2022;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-għoxrin (20) t'April 2022, is-soċjeta' rikorrenti Assist Medical Services Limited, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli b'xi mod jittrasferixxu u / jew jassenjaw lil terzi l-liċenzja numru Dispensing Licence 191 kemm *in toto* jew *in parte* kif ukoll milli b'xi mod jippreġudikaw jew ifixklu l-operat tal-ispiżerija bl-isem *Potter's Pharmacy* li tinsab ġewwa 39, Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar l-għoxrin (20) t'April 2022 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t'April 2022, l-intimati Christopher Galea u Xifer Company Limited opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi (a) il-mandat huwa biss manuvra tar-rikorrenti sabiex Christopher Galea jitlef il-liċenzja tal-ispiżerija; u (b) il-mandat huwa bbażat fuq allegazzjoni, u mhux fuq dritt *prima facie* u/jew preġudizzju irrimedjabbli;

5. In oltre, b'risposta preżentata nhar id-disgħa u għoxrin (29) t'April 2022, is-soċjeta' intimata JV Pharma Developments Limited iddikjarat illi għalkemm illum il-kwestjoni hija direttament bejn is-soċjeta' rikorrenti, Xifer Company Limited u Christopher Galea, hija ma kinitx biħsiebha, u lanqas hija f'posizzjoni, illi tippreġudika l-liċenzja tal-ispiżerija *Potter's Pharmacy,* f'Paceville;

6. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) t'April 2022;

**Fatti tal-Każ**

7. Is-soċjeta' rikorrenti hija l-operatriċi u sidt l-ispiżerija bl-isem *Potter's Pharmacy* fil-fil-proprjeta' bin-numru 39 fi Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan. Għalkemm l-ispiżerija tokkupa kemm il-proprjeta' bin-numru 39 kif ukoll il-proprjeta' bin-numru 41 u 43, kienet biss il-proprjeta' bin-numru 39 illi ġiet akkwistata mis-soċjeta' rikorrenti mingħand is-soċjeta' intimata JV Pharma Developments Limited, permezz ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2012 (vide **Dok A** anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern[1]);

8. Mill-banda l-oħra, JV Pharma Developments Limited kienet akkwistat l-istess proprjeta' bin-numru 39 mingħand is-soċjeta' intimata Xifer Company Limited, li għaliha deher l-intimat Christopher Galea, permezz ta' kuntratt datat erbatax (14) ta' Lulju 2000 pubblikat fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (vide **Dok B** anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern[2]);

9. Minkejja illi l-ispiżerija biddlet is-sidien, il-liċenzji relattivi baqgħu f'isem l-intimat Christopher Galea, kif baqa' wkoll il-fond bin-numru 41, Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan. Difatti, fil-kuntratt ta' Lulju 2000 kien ġie pattwit illi, *"All police and health licences relative to the transferred premises are to be retained in the name of appearer Christopher Galea de proprio who shall not transfer the rights arising out of these licences without the consent of the Purchaser Company and shall renew the licenses yearly in order that such licence remain valid and shall refrain from doing any action or omission which can result in the loss of the said licenses. The Purchaser Company shall pay the annual licence fees due in respect of the said licences. The obligation undertaken by Christopher Galea proprio hereon shall also bind his successors in title."*;

10. Mill-banda l-oħra, fil-kuntratt ta' Marzu 2012, ġie b'mod simili pattwit illi, *"All police and health licences relative to the transferred Property are in the*

[1] A fol 6 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 13 *et seq* tal-proċess.

*name of Christopher Galea, identity card number 648856M, however the Vendor guarantees that Christopher Galea is bound not to transfer the rights arising out of these licences without the consent of Vendor and shall renew the licences yearly in order that such licences remain valid and shall refrain from doing any action or omission which can result in the loss of the said licences, which obligations also bind the successors in title of the said Christopher Galea which condition results from the deed in the records of Notary Peter Fleri Soler dated fourteenth (14th) day of July of the year two thousand (2000); the Vendor as well as the limited liability company JV Pharma Limited registered with number C5034, the latter being represented by the said Joseph Patrick Grima and Peter Mifsud, hereby assign all rights and benefits arising from the said condition in favour of the Purchaser, which assignment was taken into account in the price above stipulated. The licences and permits shall however be paid by the Purchaser."*;

11. Jidher illi huwa fatt mhux kontestat illi l-partjiet ilhom jadoperaw din is-sistema għal dawn l-aħħar għaxar snin, fejn Christopher Galea jieħu ħsieb it-tiġdid tal-liċenzja mertu tal-mandat odjern, filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti topera l-ispiżerija u tħallas l-ispejjeż relattivi għat-tiġdid tal-liċenzja. In oltre, permezz ta' kuntratt ta' kera bejn Christopher Galea u s-soċjeta' rikorrenti datat għoxrin (20) ta' Marzu 2022 (u cioe lejlet illi s-soċjeta' rikorrenti akkwistat il-fond bin-numru 39), Christopher Galea beda jikri l-fond bin-numru 41 lis-soċjeta' rikorrenti, b'dana illi s-soċjeta' rikorrenti kellha eventwalment pussess kemm tal-proprjeta' bin-numru 39 kif ukoll dik bin-numru 41. Dan il-kuntratt ta' kera, iżda, skada fi Frar 2022, u l-intimati Christopher Galea u Xifer Company Limited isostnu illi minn dakinhar sal-preżent, kienu qegħdin jinnegozjaw il-pass li jmiss;

12. L-intimati Christopher Galea u Xifer Company Limited jispjegaw fir-risposta tagħhom illi t-trattattivi kienu jikkonsistu filli, jew is-soċjeta' rikorrenti takkwista l-fond bin-numru 41 mingħandhom, jew illi huma jakkwistaw il-fond bin-numru 39 mingħand is-soċjeta' rikorrenti; iżda, madanakollu, skont l-istess intimati, kien qam nuqqas ta' ftehim għaliex is-soċjeta' rikorrenti

rrifjutat illi tħallashom għal-liċenzja tal-ispiżerija jekk hija takkwista l-fond bin-numru 41 mingħandhom.

**It-Talba tas-Soċjeta' Rikorrenti Assist Medical Services Limited**

13. Permezz tar-rikors odjern, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimati għas-segwenti raġunijiet:

   a. F'dak illi jirrigwarda dritt *prima facie* tas-soċjeta' rikorrenti: Is-soċjeta' rikorrenti ssostni illi l-intimat Christopher Galea qiegħed ifittex li jassenja l-liċenzja lil terzi u/jew illi jippreġudika l-operat tar-rikorrenti għall-iskopijiet u vantaġġi tiegħu;

   b. F'dak illi jirrigwarda l-preġudizzju irrimedjabbli li ser jiġi arrekat lis-soċjeta' rikorrenti: Is-soċjeta' rikorrenti tissottometti illi mingħajr il-liċenzja illi preżentament qiegħda f'isem Christopher Galea, il-fond mertu tal-mandat odjern ma jkunx jista' jopera bħala spiżerija, b'detriment konsiderevoli għas-soċjeta' rikorrenti.

**Ir-Risposta tal-Konvenuti Christopher Galea u Xifer Company Limited**

14. Min-naħa l-oħra, l-intimati Christophet Galea u Xifer Company Limited qed jopponu għat-talba tar-rikorrenti għas-segwenti raġunijiet:

   a. F'dak illi jirrigwarda d-dritt *prima facie* tar-rikorrenti: Illi dan l-element ma jissussistix, stante illi dak illi qiegħda tissottometti s-soċjeta' rikorrenti bħala dritt *prima facie* huwa biss allegazzjoni infondata;

   b. F'dak li jirrigwarda l-preġudizzju rrimedjabbli arrekat lir-rikorrenti: Fin-nuqqas ta' dritt *prima facie*, ir-rikorrenti jsostnu illi la hemm possibbilta' illi ser jiġi arrekat preġudizzju lis-soċjeta' rikorrenti, u wisq u wisq inqas

hemm possibilita' illi ser jiġi arrekat lis-soċjeta' rikorrenti preġudizzju irrimedjabbli;

**Ir-Risposta tas-Soċjeta' Konvenuta JV Pharma Limited**

15. Finalment, fir-risposta tagħha, is-soċjeta' JV Pharma Limited tissottometti illi:

    a. Il-kwestjoni llum hija direttament bejn is-soċjeta' rikorrenti, Xifer Company Limited u Christopher Galea, stante illi hija kienet trasferixxiet l-ispiżerija lis-soċjeta' rikorrenti fis-sena 2012;

    b. Hija mhix bi ħsiebha, u lanqas qiegħda f'pożizzjoni, illi tagħmel xejn biex tippreġudika l-liċenzja tal-ispiżerija in kwestjoni.

**Il-Qorti**

16. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

17. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) t'April 2022;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

19. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat*

*huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

20. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

21. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[3]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

[3] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

22. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[4]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

23. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[5]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li*

[4] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff
[5] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

> *mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

24. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

25. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[6]

26. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet

[6] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[7], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

27. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[8]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

28. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma*

[7] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca
[8] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

*jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[9]

29. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

## A. L-Ewwel u T-Tieni Rekwiżiti: Għandu jirriżulta illi s-Soċjeta' Rikorrenti għandha Jedd *Prima Facie*, u l-Mandat għandu jkun meħtieġ biex jitħares tali Jedd

30. Primarjament, f'dak illi jirrigwarda s-soċjeta' intimata **JV Pharma Developments Limited**, din il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' intimata JV Pharma Developments Limited tissottometti illi hija ma tilgħab l-ebda rwol fil-proċeduri odjerni, stante illi hija trasferixxiet l-ispiżerija lis-soċjeta' intimata. Din il-Qorti, iżda, tissenjala illi in konsiderazzjoni tal-fatt illi fit-termini tal-kuntratt datat 21 ta' Marzu 2012 pubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg[10] is-soċjeta' intimata ggarantiet illi Christopher Galea kien marbut illi ma jittrasferixxix il-liċenzja, hemm lok illi jiġi indagat eżatt x'inhi l-pożizzjoni tas-soċjeta' intimata JV Pharma Developments Limited fil-kwestjoni bejn il-partijiet, liema indaġni ma tistax issir minn din il-Qorti fil-mansjoni limitata tagħha fil-proċeduri odjerni, iżda tista' ssir biss f'kawża appożita fil-mertu. In oltre, din il-Qorti tinnota illi, fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' JV Pharma Developments Limited, fir-risposta tagħha, ma

---

[9] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

[10] Vide **Dok A** anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, a fol 6 *et seq* tal-proċess

topponix għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern fil-konfront tagħha;

31. F'dak illi jirrigwarda lill-intimati Christopher Galea u s-soċjeta' Xifer Company Limited, mill-atti, provi dokumentarji u sottomissjonijiet imressqa u magħmula quddiem din il-Qorti, din il-Qorti tosserva illi jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi hemm kwestjonijiet fil-mertu illi din il-Qorti m'għandhiex il-mansjoni illi tidħol fihom. Jidher illi l-partijiet m'humiex jaqblu dwar it-trasferiment tal-liċenzja minn Christopher Galea lis-soċjeta' rikorrenti, u lanqas dwar l-operat tal-ispiżerija nnifisha, kif jixhdu s-sensiela ta' e-mails preżentati mis-soċjeta' rikorrenti skambjati mal-*Malta Medicines Verification Organisation* (MaMVO)[11]. L-intimat Christopher Galea qed jallega illi hemm nuqqasijiet fl-operat ta' *Potter's Pharmacy* mis-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti qed tallega illi l-intimat Christopher Galea qiegħed ifixkel l-operat tal-ispiżerija għal motivi finanzjarji u ta' negozju. Din il-Qorti, iżda, kif ġie spjegat anke fil-ġurisprudenza suċitata, m'għandhiex, fil-parametri limitati tal-proċedura odjerna, il-mansjoni illi tiddetermina min mill-partijiet għandu raġun, u difatti mhix sejra tidħol f'dan il-punt. Dak illi għandha mansjoni tiddetermina din il-Qorti huwa jekk effettivament is-soċjeta' rikorrenti għandhiex dritt *prima facie* x'tikkawtela fil-konfront tal-intimati;

32. Għalkemm l-intimati Christopher Galea u s-soċjeta' Xifer Company Limited jissottomettu illi t-talba odjerna hija bbażata biss fuq sempliċi allegazzjoni, din il-Qorti mhix tal-istess opinjoni. L-ittra spedita minn Christopher Galea lill-Awtorita' tal-Mediċina datat 8 t'April 2022[12] tgħid illi, *"I am therefore requesting that the pharmacy will close down as from today until further notice"*. Din, fil-fehma tal-Qorti, hija dikjarazzjoni ċara illi Christopher Galea għandu l-intenzjoni illi jfixkel l-operat tal-ispiżerija bl-isem *Potter's Pharmacy* stante illi talab l-għeluq tagħha, u dan irrispettivament mir-

[11] Vide fol 30 sa 38 tal-proċess.
[12] Vide **Dok FGX1** a fol 29 tal-proċess

raġunijiet illi għalihom qiegħed jitlob l-istess, liema raġunijiet imbagħad jiġu diskussi u trattati fil-kawża fil-mertu. Konsegwentement jirriżulta, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti illi s-soċjeta' rikorrenti għandha, mad-daqqa t'għajn, dritt x'tikkawtela fl-konfront tal-intimati Christopher Galea u s-soċjeta' Xifer Company Limited;

33. Fin-nuqqas illi takkolji t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, din il-Qorti ma tarax illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi mezz ieħor kif tikkawtela l-istess dritt fil-konfront tal-intimati sakemm jiġi determinat min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-mandat odjern huwa meħtieġ u neċessarju sabiex jiġi salvagwardat id-dritt pretiż mis-soċjeta' rikorrenti pendenti l-eżitu ta' kawża fil-mertu bejn il-partijiet;

34. Din il-Qorti għalhekk tiddikjara illi **l-ewwel u t-tieni rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub jirriżultaw sodisfaċentement pruvati**.

## B. It-Tielet Rekwiżit: Jeħtieġ illi jkun hemm il-possibilta' li jiġi arrekat lis-Soċjeta' Rikorrenti Preġudizzju Irrimedjabbli jekk ma tintlaqax it-Talba

35. Din il-Qorti tinnota illi ai termini tar-Regolament Numru 3 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji (L.S. 458.16):

> *Jekk spiżerija tinżamm magħluqa għal żmien sitt xhur, jew għal dawk iż-żminijiet li flimkien iġibu sitt xhur fi żmien sena kalendarja waħda, il-liċenza tagħha għandha titqies bħala li ma għadhiex valida u fi tmiem dak iż-żmien l-Awtorita' dwar il-Liċenzi għandha tavża b'dan lill-persuna li tkun inħarġitilha l-liċenza.*

36. Din il-Qorti tissenjala, għalhekk, illi l-preġudizzju illi ġġarrab is-soċjeta' rikorrenti fil-każ illi t-talba tagħha ma tiġix milqugħa, u l-ispiżerija tingħalaq

skont it-talba tal-intimat Christopher Galea lill-Awtorita' tal-Mediċina, huwa wieħed irrimedjabbli. Dan stante illi minkejja l-fatt illi effettivament huwa Christopher Galea illi jitlef il-liċenzja fil-każ illi l-ispiżerija tinżamm magħluqa, u mhux is-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' rikorrenti tkun xorta waħda qiegħda titlef id-dritt tagħha illi topera l-ispiżerija illi tagħha hija proprjetarja, u dan wara illi kien ġie garantit lilha fil-kuntratt t'akkwist tat-12 ta' Marzu 2012 illi, "*Christopher Galea is bound not to transfer the rights arising out of these licences without the consent of the Vendor and shall renew the licences yearly in order that such licences remain valid* ***and shall refrain from doing any action or omission which can result in the loss of the said licences*** *[...]"*[13];

37. Għal kull buon fini din il-Qorti tinnota illi Christopher Galea ma ressaq l-ebda prova dwar it-tul ta' żmien illi għalih kien qiegħed jitlob illi l-ispiżerija kellha tinżamm magħluqa, u għalhekk lanqas tista' din il-Qorti tikkonsidra illi forsi ż-żmien illi għalih ser tinżamm magħluqa l-ispiżerija huwa terminu ta' inqas minn sitt xhur;

38. Din il-Qorti hija tal-fehma illi **jissussisti sodisfaċentement pruvat ukoll it-tielet rekwiżit**.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **Tikkonferma** d-digriet tagħha tal-għoxrin (20) t'April 2022;

    ii. **Tilqa'** t-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimati.

---

[13] Vide klawsola nru 8 f'**Dok A** anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, a fol 8 tal-proċess

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Gimgha, 13 ta’ Mejju 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**